

Making the railway system  
work better for society.

# Sejħa għall-Applikazzjonijiet għal żewġ karigi ta' Amministraturi: Uffiċjal tas-Sigurtà tal-IT u Uffiċjal tal-IT (AD6) fl-Unità tar-Riżorsi u tal-Appoġġ

*-Aġent Temporanju 2(f) (AD6) - bil-għan ulterjuri li jiġu stabbiliti listi ta' riżerva - ERA/AD/2019/001*

## I - KONTENUT TAL-IMPJIEG GĦAŻ-ŻEWĠ KARIGI

L-impjegat se jkun qed jaħdem mal-Unità tar-Riżorsi u tal-Appoġġ fit-Tim tal-ITFM (Ġestjoni tal-Faċilità u tat-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni), taħt ir-responsabbiltà tal-Mexxej tat-Tim tal-ITFM.

L-għan tat-tim tal-Ġestjoni tal-Faċilitajiet u tal-IT huwa li jikkontribwixxi għall-ksib tal-għanijiet u tal-obiettivi operazzjonali tal-Aġenzija billi jiżgura li l-Unitajiet ikollhom l-infrastruttura tal-ICT, is-sistemi tal-infurmazzjoni u s-servizzi ta' appoġġ xierqa biex iwettqu l-funzjoni tagħhom.

L-Aġenzija qiegħda tfittex **żewġ** Amministraturi: **Uffiċjal tas-Sigurtà tal-IT u Uffiċjal tal-IT.**

Il-kandidati jistgħu japplikaw għal kariga waħda jew għat-tnejn li huma.

**Il-kandidati jeħtiġilhom jindikaw b'mod ċar fil-formola ta' applikazzjoni tal-ERA tagħhom għal liema kariga/karigi qegħdin japplikaw.**

Il-kandidati ma għandhomx ikunu jistgħu jbiddu l-kariga/karigi magħżula wara li jissottomettu l-formola ta' applikazzjoni tal-ERA.

### 1. UFFIĊJAL TAS-SIGURTÀ TAL-IT

Id-detentur tal-impjieg se jkun responsabbli minn:-

- › Proċessi ta' ġestjoni tas-sigurtà tal-ICT tal-Aġenzija;
- › L-amministrazzjoni, il-konfigurazzjoni, is-sigurtà, l-operat, u l-manutenzjoni tal-għodod rilevanti li jappoġġjaw is-sigurtà tal-ICT tal-Aġenzija;
- › Jikkontribwixxi għat-titjib tas-sigurtà tal-ICT tal-Aġenzija.

**Kompiti u responsabbiltajiet ewlenin:**

*Implimentazzjoni, provvista ta' servizzi u appoġġ*

- › Li jabożza, jimplimenta, jinforza, jikkontrolla u jissorvelja politiki u proċeduri relatati mas-sigurtà tal-ICT, u jabożza u jippromwovi linji gwida;
- › Li jippromwovi s-sensibilizzazzjoni tas-sigurtà tal-ICT u l-aħjar prattiki fl-Aġenzija;
- › Li jidentifika, jevalwa u jirrapporta dwar riskji tas-sigurtà tal-infurmazzjoni b'mod li jissodisfa r-rekwiżiti regolatorji u ta' konformità sabiex jimminimizza jew jelimina r-riskju u s-sejbiet tal-awditu (e.ż. ir-Regolament KE 45/2001);

- › Li jikkomunika bejn it-tim tas-sigurtà tal-informazzjoni u l-konformità korporattiva, l-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data, il-Koordinatur tal-Kontroll Intern, is-Servizzi tal-Kwalità, is-Servizzi Legali, u s-Settur tal-HR kif meħtieġ;
- › Li jiġġestixxi l-għodod tal-SIEM u tal-IDS;
- › Li jiġġestixxi inċidenti u avvenimenti ta' sigurtà biex jipproteġi assi tal-ICT korporattivi, inkluża proprjetà intellettuali, assi fissi u r-reputazzjoni tal-Aġenzija.

#### *Bini, akkwist u implimentazzjoni*

- › Li jwettaq analiżi tas-suq, valutazzjoni komparattiva, jirrekordja żjarat ta' bejjiegħa, f'esibizzjonijiet, u ta' klijenti u l-għbir ta' informazzjoni simili għal inizzjattivi li għadhom ġejjin u biex iżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi u x-xejriet l-aktar riċenti;
- › Għal proġetti assenjati, jindirizza x-xogħol ta' ġestjoni ta' proġetti mill-ħames gruppi ta' proċessar kollha "Bidu", "Ippjanar", "Twettiq", "Kontroll" u "Għeluq";
- › Li japplika metodoloġiji ta' ġestjoni ta' proġetti (e.ż. PM<sup>2</sup>) u proċeduri tal-IMS tal-ERA meta juża għodod, jaħdem b'dokumenti u oġġetti li jistgħu jiġu ddokumentati u jipproduċihom;
- › Li jkun l-awtur jew il-koawtur ta' speċifikazzjonijiet ta' offerti għal proġetti li jeħtieġu esternalizzazzjoni parzjali jew kompleta tax-xogħol;
- › Li jkollu rwol ewlieni fl-evalwazzjoni, fl-għażla, fin-negożjar ta' termini u fil-ġestjoni tar-relazzjoni mal-kuntratturi għal dawk l-inizzjattivi;
- › Li jinteraġixxi mill-qrib mal-unitajiet tal-provvista tal-Aġenzija u dawk affettwati u l-istruttura ta' governanza tal-proġett individwali;
- › Li jikkomunika ma' pari f'Aġenziji u f'istituzzjonijiet tal-UE oħra.

## **2. UFFIĊJAL TAL-IT**

Id-detentur tal-impjeg se jkun responsabbli minn-:

- › L-iżvilupp, il-konfigurazzjoni, l-amministrazzjoni, l-operat, u l-manutenzjoni tal-ambjent tal-ICT tal-ERA, il-ġestjoni ta' proġetti u proċessi ta' provvista ta' servizzi minn tarf sa tarf;
- › Li jikkontribwixxi għat-titjib tal-ambjent tal-ICT tal-Aġenzija.

### **Kompiti u responsabbiltajiet ewlenin:**

#### *Implimentazzjoni, provvista ta' servizzi u appoġġ*

- › Li jinstalla, jikkonfigura u jamministra l-ambjent tas-software tas-sistema u l-ħardwer tas-servers tal-back office tal-Aġenzija – il-pjattaformi tal-produzzjoni kif ukoll tal-ittestjar/tat-taħriġ/tal-introduzzjoni;
- › Li jopera u jamministra s-sistemi ta' komunikazzjoni u ta' komputazzjoni tal-mobbiltà tal-Aġenzija
- › Li jamministra Ambjenti ta' LAN/WAN kbar;
- › Li jwettaq ġestjoni fil-livell tas-servizzi sabiex jiżgura li l-Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz u l-Ftehimiet dwar il-Livell Operazzjonali jew il-kuntratti jiġu ssodisfati;
- › Li jindividwalizza, jawditja u jirrapporta dwar il-komponenti varji tal-ICT u b'mod ġenerali;
- › Li jiġġestixxi proġetti infrastrutturali tal-ICT, u possibbilment jesternalizza parti mix-xogħol.

#### *Bini, akkwist u implimentazzjoni*

- › Li jwettaq analiżi tas-suq, valutazzjoni komparattiva, jirrekordja żjarat ta' bejjiegħa, f'esibizzjonijiet, u ta' klijenti u l-għbir ta' informazzjoni simili għal inizzjattivi li għadhom ġejjin u biex iżomm ruħu aġġornat mal-iżviluppi u x-xejriet l-aktar riċenti;
- › Għall-proġetti assenjati, li jindirizza ħidma ta' ġestjoni ta' proġetti mill-ħames gruppi ta' proċessi "Bidu", "Ippjanar", "Twettiq", "Kontroll" u "Għeluq";

- › Li japplika metodoloġiji ta' ġestjoni ta' proġetti (e.ż. PM<sup>2</sup>) u proċeduri tal-IMS tal-ERA meta juża għodod, jaħdem b'dokumenti u oġġetti li jistgħu jiġu ddokumentati u jipproduċihom;
- › Li jkun l-awtur jew il-koawtur ta' speċifikazzjonijiet ta' offerti għal proġetti li jeħtieġu esternalizzazzjoni parzjali jew kompleta tax-xogħol;
- › Li jkollu rwol ewlieni fl-evalwazzjoni, fl-għażla, fin-negozjar ta' termini u fil-ġestjoni tar-relazzjoni mal-kuntratturi għal dawk l-inizjattivi;
- › Li jinteraġixxi mill-qrib mal-unitajiet tal-provvista tal-Aġenzja u dawk affettwati u l-istruttura ta' governanza tal-proġett individwali;

## II - KRITERJI TA' ELIĠIBBILTÀ

**Għaż-żewġ karigi**, il-proċedura tal-għażla hija miftuħa għall-kandidati li, sad-data tal-għeluq tas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà **kollha** li ġejjin:

### 1. Rekwiżiti ġenerali:

- › Ikunu ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew ċittadini taż-Żona Ekonomika Ewropea (l-Iżlanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja)<sup>1</sup>;
- › Ikunu intitolati għad-drittijiet kollha bħala ċittadini;
- › Ikunu wettqu kull obbligu impost mil-liġijiet applikabbli li jikkonċernaw is-servizz militari<sup>2</sup>;
- › Jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti<sup>3</sup>;
- › Ikunu fiżikament f'saħħithom biex iwettqu d-dmirijiet relatati mal-kariga<sup>4</sup>;
- › Ikollhom għarfien tajjeb ħafna ta' lingwa uffiċjali<sup>5</sup> tal-Unjoni Ewropea u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra<sup>6</sup> tal-Unjoni Ewropea sa fejn dan huwa meħtieġ għat-twettiq tad-dmirijiet relatati mal-kariga;
- › Ikollhom anqas żmien mill-età li fiha l-persunal tal-UE jirtira b'mod awtomatiku, jiġifieri attwalment fl-aħħar jum tax-xahar li fiha huwa/hija jilħaq/tilħaq l-età ta' 66 sena<sup>7</sup>.

### 2. Kwalifiki:

- › Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmumin, mixhudin b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew aktar, segwiti minn mill-anqas 3 snin ta' esperjenza professjonali;

#### **JEW**

- › Ikollhom livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmumin, mixhudin b'diploma meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun 3 snin, segwiti minn mill-anqas 4 snin ta' esperjenza professjonali;

<sup>1</sup> L-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea huma: l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit.

<sup>2</sup> Jekk applikabbli

<sup>3</sup> Qabel ma jiġi rekrutat, il-kandidat li jintgħażel jintalab jipprovdi ċertifikat li jikkonferma n-nuqqas ta' kwalunkwe rekord kriminali

<sup>4</sup> Qabel ma jiġi rekrutat, il-kandidat li jintgħażel għandu jiġi eżaminat f'ċentru mediku indikat mill-Aġenzja sabiex jiġi kkonfermat li r-rekwiżiti tal-Artikolu 28(e) tar-Regolament tal-Persunal tal-Uffiċjali u tas-CEOS tal-UE jiġu ssodisfati

<sup>5</sup> Il-lingwa materna tiegħek jew lingwa oħra uffiċjali tal-UE li għandek għarfien tajjeb ħafna tagħha li jikkorrispondi għal-livell C1 kif definit fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL) <http://europass.cedefop.europa.eu/mt/resources/european-language-levels-cefr>

<sup>6</sup> Għarfien tat-tieni lingwa uffiċjali tal-UE tiegħek li jikkorrispondi għal mill-anqas livell B2 kif definit fil-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi (QKERL)

<sup>7</sup> Ara l-Artikolu 52(a) tar-Regolament tal-Persunal għall-Uffiċjali għal Aġenti Temporari, applikabbli għal Aġenti Kuntrattwali b'analoġija, l-Artikolu 119 tas-CEOS

**Importanti:**

- › L-istudji universitarji jridu jkunu fil-qasam tax-xjenza tal-kompjuters jew tat-teknoloġija tal-informatika jew f' dioxiplina simili;

**Jiġu aċċettati biss kwalifiki maħruġa mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE jew mill-awtoritajiet taż-ŻEE (Żona Ekonomika Ewropea) u kwalifiki rikonoxxuti bħala ekwivalenti mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri tal-UE jew taż-ŻEE.**

**3. Esperjenza professjonali:**

Sabiex tikkwalifika għal dan il-profil, sad-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet, jeħtieġ li jkollok total ta':

- › Esperjenza professjonali ta' mill-anqas 3 snin (wara l-għoti tad-diploma).

**III - KRITERJI TAL-GĦAŻLA**

Il-kandidati li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti hawn fuq, jiġu vvalutati u jingħataw punteġġ skont il-kriterji tal-għażla. Il-kandidati ma għandhomx bżonn jissodisfaw il-kriterji kollha tal-għażla: il-kandidati li ma jissodisfawx kriterju tal-għażla wieħed jew aktar ma jiġux esklużi immedjatament mill-għażla.

**Il-kriterji tal-għażla** użati sabiex jiġu vvalutati l-applikazzjonijiet tal-kandidati skont il-kariga/i magħżula:

**UFFIĊJAL GĦAS-SIGURTÀ TAL-IT:**

- › Esperjenza mixhuda ta' mill-anqas 5 snin f'wieħed mill-oqsma li ġejjin:
  - is-Sigurtà tal-Infommazzjoni;
  - l-Istandards tas-Sigurtà tal-Infommazzjoni (bħal ISO 27000, ITIL SCM);
  - il-Komunikazzjoni ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ fis-Sigurtà tal-infommazzjoni.

**UFFIĊJAL TAL-IT:**

- › Ħliet mixhuda u esperjenza ta' mill-anqas 5 snin b'funzjonijiet ta' appoġġ tal-back-office, abbażi ta' proċessi ta' ġestjoni ta' Inċidenti, Problemi u Bidla tal-ITIL;
- › Għarfien mixhud bi prova ta' mill-anqas 5 snin, abbażi ta' ċertifikazzjonijiet uffiċjali, fl-ITIL (bħall-ITIL SCM);
- › Għarfien mixhud u esperjenza ta' mill-anqas 5 snin, abbażi ta' ċertifikazzjonijiet uffiċjali, f'**mill-anqas tnejn** mit-teknoloġiji ta' Microsoft li ġejjin, fil-verżjoni:
  - Microsoft Office suites 2013-2019;
  - Microsoft Windows Server operating systems 2008-2019;
  - Microsoft AD DS, AD FS, AD CS, GPO 2008-2019;
  - Microsoft Office servers 2010-2019;
  - Azure AD, Office 365;
  - PowerShell;
- › Għarfien u esperjenza mixhuda bi prova ta' mill-anqas 5 snin, abbażi ta' ċertifikazzjonijiet uffiċjali, f' mill-anqas waħda mit-teknoloġiji VMware li ġejjin f' verżjoni minn 6.0 sa 6.7:
  - VMware ESXi;
  - VMware vCenter, UM;
  - VMware SRM.

**Il-kwalifiki edukattivi/akkademiċi u l-esperjenzi professjonali jridu jiġu deskritti b'mod preċiż kemm jista' jkun fil-formola ta' applikazzjoni tal-ERA.**

Il-kandidati li jiġu vvalutati bħala l-aktar adatti abbażi tal-kriterji tal-għażla jiġu mistiedna għal intervista u test bil-miktub.

#### IV - INTERVISTA, TEST BIL-MIKTUB U TESTIJET ADDIZZJONALI (jekk applikabbli)

Il-kandidati magħżula għall-fażi tat-test li tikkonsisti minn intervista strutturata u test bil-miktub jiġu vvalutati u jingħataw punteġġi skont il-kriterji li ġejjin:

##### **Għall-intervista: kriterji rilevanti għall-Uffiċjal tas-Sigurtà tal-IT:**

- › Motivazzjoni;

##### **Kompetenzi tekniċi (hard skills):**

- › Għarfien u implimentazzjoni tal-istandards tas-Sigurtà tal-IT;
- › Għarfien u implimentazzjoni dwar l-integrazzjoni ta' standards tas-sigurtà li jisfruttaw is-servizzi tal-cloud;
- › Għarfien u implimentazzjoni tal-protezzjoni ta' assi tal-ICT;
- › Għarfien u sfruttar tal-għodod tal-SIEM.

##### **Ħiliet personali (ivvalutati biss matul l-intervista):**

- › Għarfien ta' proċessi sistematiċi u metodiċi ta' proġetti, u xogħol individwali u f'tim;
- › Il-kapaċità li tibbilanċja d-domandi proċedurali tal-ippjanar ta' proġetti u l-konformità mar-rekwiżiti tas-sigurtà tal-ICT sabiex jiġu ddeterminati r-riżorsi meħtieġa biex jinkisbu soluzzjonijiet effettivi u f'waqthom;
- › Il-kapaċità li tanalizza r-riskji sabiex tiżgura l-konformità mal-ambjent regolatorju;
- › Il-kapaċità li tidentifika teknoloġija rilevanti li għandha tiġi proposta fid-dominju speċifiku tas-sigurtà tal-IT sabiex tindirizza ċ-ċibersigurtà b'mod aktar effettiv.

##### **Għall-intervista: kriterji rilevanti għall-Uffiċjal tal-IT:**

- › Motivazzjoni;

##### **Kompetenzi tekniċi (hard skills):**

- › Għarfien u implimentazzjoni ta' Prattiki tal-ITIL;
- › Għarfien u esperjenza ta' xogħol fil-ġestjoni ta' proġetti;
- › Għarfien u implimentazzjoni ta' servizzi tal-cloud;
- › Għarfien u sfruttar tad-Direttorju Attiv tal-Microsoft.

##### **Ħiliet personali (ivvalutati biss matul l-intervista):**

- › Sensibilizzazzjoni ta' proċessi sistematiċi u metodiċi ta' proġetti, u xogħol individwali u f'tim;
- › Il-kapaċità li tanalizza r-rekwiżiti tas-servizzi tal-ICT sabiex tiddetermina r-riżorsi meħtieġa biex jinkisbu l-oġettivi u jiġu meġhluca ostakoli transfunzjonali;
- › Il-kapaċità li tanalizza r-riskji sabiex tiżgura l-konformità mal-ambjent regolatorju;
- › Il-kapaċità li tidentifika t-teknoloġija rilevanti li għandha tiġi proposta fid-dominju tal-ICT speċifiku sabiex l-implimentazzjoni tas-servizz tiġi indirizzata b'mod aktar effettiv.

##### **Għat-test bil-miktub: rilevanti għaż-żewġ karigi:**

- › Il-kapaċità li tindirizza kif ir-rekwiżiti u l-aspettattivi tan-negożju jiġu ssodisfati;
- › Il-kapaċità li tikkomunika bil-miktub bl-Ingliż;
- › Il-kapaċità li tistruttura l-komunikazzjoni fir-rigward tal-kontenut.

Għall-kelliema nattiv, il-kapaċità li tikkomunika bit-tieni lingwa tal-UE se tiġi ttestjata matul l-intervista. Minħabba li din tiffurma parti mir-rekwiżiti ġenerali msemmija hawn fuq, kwalunkwe nuqqas li tagħti prova tal-livell sodisfaċenti tat-tieni lingwa tal-UE tiegħek iwassal biex tiġi eskluż mill-għażla.

# Sejħa għall-Applikazzjonijiet għal żewġ karigi ta' Amministraturi: Uffiċjal tas-Sigurtà tal-IT u Uffiċjal tal-IT (AD6) fl-Unità tar-Riżorsi u tal-Appoġġ

*-Aġent Temporanju 2(f) (AD6) - bil-għan ulterjuri li jiġu stabbiliti listi ta' riżerva - ERA/AD/2019/001*

<i>Data tal-Pubblikazzjoni:</i> 28/01/2019	<i>Data tal-iskadenza għall-applikazzjonijiet:</i> 26/02/2019 (23.59 CET, Ħin lokali ta' Valenciennes)
<i>Tip ta' kuntratt:</i> Aġent Temporanju 2(f) <i>Grupp ta' funzjoni u grad:</i> AD6	<i>Post tal-impjeg:</i> Valenciennes, Franza
<i>Durata tal-kuntratt:</i> 4 snin u jista' jiġġedded għal perjodu definit ta' mhux aktar minn 4 snin. Jekk jiġġedded għat-tieni darba, il-kuntratt isir indefinit	<i>Salarju bażiku fix-xahar:</i> EUR 5 416.58 fl-ewwel skala b'fattur ta' ponderazzjoni ta' 16.7 % (mill-01/07/2018) flimkien ma' gratifiki speċifiċi fejn applikabbli
<i>Unità:</i> ikkonsulta: <a href="http://www.era.europa.eu">http://www.era.europa.eu</a>	
<i>L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu b'email lil din il-mailbox biss:</i> <a href="mailto:jobs@era.europa.eu">jobs@era.europa.eu</a>	<i>Lista ta' riżerva valida sa:</i> 26/02/2021, bil-possibbiltà ta' estensjoni

<p><b>L-AĠENZJA</b></p> <p>L-Aġenzja tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji hija aġenzja tal-Kummissjoni Ewropea stabbilita mir-<a href="#">Regolament (UE) 2016/796</a>. L-għan tagħha huwa li tappoġġja l-iżvilupp ta' Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, mingħajr fruntieri, u li tiggarantixxi livell għoli ta' sikurezza.</p> <p><b>L-objettiv ewlieni tal-Aġenzja huwa li tagħmel is-sistema ferrovjarja taħdem aħjar għas-soċjetà.</b></p> <p>Aħna impenjati li niksbru dan billi:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>› Nipprovdu ċertifikazzjonijiet, awtorizzazzjonijiet u servizzi ta' approvazzjoni minn qabel lis-settur ferrovjarju*;</li> <li>› Nipprovdu appoġġ tekniku lill-Kummissjoni Ewropea;</li> <li>› Nissorveljaw lill-Awtoritajiet tas-Sikurezza Nazzjonali (NSAs) u lill-Korpi Nnotifikati*;</li> <li>› Nipprovdu assistenza (eż. disseminazzjoni, taħriġ) lill-Istati Membri, lill-NSAs u lill-partijiet ikkonċernati;</li> <li>› Niżviluppaw approċċ komuni għas-sikurezza fis-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS); u</li> <li>› Nippromwovu aċċess semplifikat għall-konsumaturi għas-settur ferrovjarju Ewropew.</li> </ul> <p>Aktar dettalji dwar l-attivitajiet tagħna huma disponibbli fid-<a href="#">Dokument ta' Programmar Uniku</a>.</p> <p>Il-Kwartieri Ġenerali tal-Aġenzja jinsabu f'Valenciennes, b'xi faċilitajiet għall-avvenimenti f'Lille iddedikati għal avvenimenti speċifiċi. Bħalissa l-Aġenzja timpjega 160 membru tal-persunal. <a href="#">Hawnhekk</a> tista' ssib il-missjoni, il-viżjoni u l-valuri tagħna.</p> <p>Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok aqra dwarna fuq <a href="http://era.europa.eu">era.europa.eu</a>.</p>
--

\*Minn Ġunju 2019

#### L-UNITÀ TAR-RIŻORSI U TAL-APPOĠĠ

L-Unità tar-Riżorsi u tal-Appoġġ tipprovdi l-ġestjoni ġenerali tar-riżorsi tal-Aġenzija u l-appoġġ orizzontali lill-attivitajiet tal-ERA.

L-Unità hija organizzata f'żewġ timijiet, li huwa responsabbli minnhom direttament il-Kap tal-Unità tar-Riżorsi u tal-Appoġġ:

- › Riżorsi Umani u Finanzi,
- › Ġestjoni tal-Faċilitajiet u tal-IT

Din l-Unità għandha attwalment madwar 40 membru tal-persunal.

#### PROCĊURA TAL-APPLIKAZZJONI

Sabiex l-applikazzjonijiet **ikunu validi**, il-kandidati jeħtiġilhom jissottomettu l-formola ta' applikazzjoni tal-ERA mimlija kif xieraq sad-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.

**Il-kandidati li għandhom lawrji/diplomi mhux tal-UE huma mitluba jibagħtu verżjonijiet skennjati tal-lawrji/tad-diplomi vvalidati tal-UE flimkien mal-applikazzjoni tal-ERA tagħhom.**

**Nuqqas ta' konformità mal-istruzzjonijiet jirriżulta fl-esklużjoni mill-proċedura tal-għażla.**

Minħabba li l-lingwa ta' ħidma tal-Aġenzija hija l-Ingliż, il-kandidati huma mħeġġa biex japplikaw bl-Ingliż biex jiffaċilitaw il-proċess tal-għażla.

L-applikazzjonijiet iridu jintbagħtu permezz ta' email lill-mailbox [jobs@era.europa.eu](mailto:jobs@era.europa.eu) mhux aktar tard **26/02/2019** minn 23.59 CET (ħin lokali ta' Valenciennes), **filwaqt li jindikaw b'mod ċar in-numru ta' referenza tas-sejħa għall-applikazzjonijiet fil-linja tas-suġġett.**

Jekk jogħġbok innota li l-applikazzjonijiet sottomessi b'faks jew bil-posta mhumiex se jiġu kkunsidrati.

Jekk fi kwalunkwe stadju fil-proċedura, jiġi stabbilit li l-informazzjoni pprovduta mill-kandidat hija żbaljata, il-kandidat inkwistjoni jista' jiġi skwalifikat.

Huwa pprojbit li l-kandidati jagħmlu kuntatt dirett jew indirett mal-membri tal-Kumitat tal-Għażla, jew li xi ħadd jagħmel dan f'isimhom. L-Awtorità Awtorizzata biex Tikkonkludi l-Kuntratti b'delega (minn hawn 'il quddiem l-AACC) tirriżerva d-dritt li tiskwalifika lil kwalunkwe kandidat li jinjora din l-istruzzjoni.

Se tiġi stabbilita lista ta' riżerva li se tkun valida għal sentejn mid-data tal-għeluq tal-proċedura tal-għażla. Il-validità tal-lista ta' riżerva tista' tiġi estiża jekk l-AACC tiddeċiedi dan. Il-lista ta' riżerva tista' tintuża għall-inkarigu għal karigi oħrajn li għandhom l-istess profil ta' FG u grad bħal dak deskritt hawn fuq.



**Jekk jogħġbok innota li minħabba n-numru kbir ta' applikazzjonijiet li nistgħu nirċievu sad-data tal-iskadenza għas-sottomissjoni, jista' jkun li s-sistema tiffaċċja problemi biex tipproċessa ammonti kbar ta' data. Għalhekk, l-applikanti huma mħeġġa jibagħtu l-applikazzjoni tal-ERA tagħhom ferm aktar qabel mid-data tal-iskadenza.**

**Importanti:** Id-dokumenti ta' sostenn (eż. kopji ċċertifikati ta' lawrji/diplomi, provi ta' esperjenza, eċċ.) ma GħANDHOMX jintbagħtu f'dan l-istadju iżda għandhom jintalbu fi stadju tal-proċedura aktar tard. L-ebda dokument mhu se jintabgħat lura lill-kandidati.

### PROCĊEDURA TAL-GĦAŻLA

L-għażla se tiġi organizzata kif ġej:

1. L-AACC jew id-delegat tagħha jstabbilixxu Kumitat tal-Għażla li mill-anqas ikun magħmul minn: Kap ta' Unità (HoU) u/jew Amministratur li jmxexxi Settur, membru li jirrappreżenta r-Riżorsi Umani (HR) u membru li jirrappreżenta lill-Kumitat tal-Persunal (SC);
2. Il-Kumitat tal-Għażla jivverifika l-applikazzjonijiet sottomessi skont il-kundizzjonijiet speċifiċi deskritti fit-taqsim "Kriterji ta' eliġibbiltà" fis-Sejħa għall-Applikazzjonijiet;
3. L-applikazzjonijiet li jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet imbagħad jiġu vvalutati u jingħataw punteġġi skont il-kriterji tal-għażla deskritti fit-taqsim "Il-kriterji tal-għażla" fis-Sejħa għall-Applikazzjonijiet;
4. Għal kull kariga, il-Kumitat tal-Għażla jivvaluta u jagħti punteġġi lil kull applikazzjoni eliġibbli skont il-kwalifiki edukattivi/akkademiċi u l-esperjenza professjonali tal-kandidat fir-rigward ta' kull profil deskritt fit-taqsim "Kontenut tal-Impjeg" fis-Sejħa għall-Applikazzjonijiet;
5. Il-Kumitat tal-Għażla ser jistieden lill-ewwel **15**-il kandidat bl-ogħla punteġġ (għall-kariga ta' **Uffiċjal tal-IT**) u lill-ewwel **12**-il kandidat bl-ogħla punteġġ (għall-kariga ta' **Uffiċjal tas-Sigurtà tal-IT**) u li jkunu kisbu mhux anqas minn 60 % tal-punti totali mogħtija għall-kriterji tal-għażla. Il-kandidati kollha li jkunu kisbu punteġġ daqs dak tal-**15**-il kandidat bl-ogħla punteġġ għandhom jiġu mistiedna għall-kariga ta' Uffiċjal tal-IT u t-**12**-il kandidat bl-ogħla punteġġ għall-kariga ta' Uffiċjal tas-Sigurtà tal-IT.
6. Il-kandidati magħżula huma mistiedna jipparteċipaw fl-istadju li jmiss tal-proċedura tal-għażla li jttikkonsisti minn intervista u test bil-miktub;
7. L-intervista u t-test bil-miktub għandhom isiru bl-Ingliż. Jekk il-lingwa materna tiegħek tkun l-Ingliż, waqt l-intervista tiġi ttestjata t-tieni lingwa indikata fil-formola ta' applikazzjoni;
8. Il-punteġġi għall-intervista u t-test bil-miktub huma stabbiliti kif ġej:
  - › Punteġġ totali għall-intervista: **60 punt** Punteġġ minimu biex tgħaddi: **36 punt**
  - › Punteġġ totali għat-test bil-miktub: **40 punt** Punteġġ minimu biex tgħaddi: **24 punt**

**It-test bil-miktub tal-kandidati ma għandux jiġi vvalutat jekk matul l-intervista l-punteġġ minimu biex wieħed jgħaddi ma jintlaħaqx.**
9. Wara r-riżultati tal-intervista u tat-test bil-miktub, il-Kumitat tal-Għażla jipproponi lista tal-kandidati xierqa lill-AACC. Għal kull kariga, il-kandidati li jiksbu l-marki kwalifikanti biex wieħed jgħaddi ddefiniti fil-punt 8 jiġu inklużi fil-lista ta' riżerva. Se jkun hemm lista ta' riżerva waħda għal kull kariga. Il-listi ta' riżerva se jkunu skont l-ordni tal-mertu. Jenħtieġ li l-kandidati jinnotaw li l-inklużjoni fil-listi ta' riżerva ma tiggarrantixx inkarigu;
10. Qabel ma tirrekluta aġent temporanju, l-AACC teżamina jekk il-kandidat ikollux xi interess personali bħal pereżempju it-tnaqqis tal-indipendenza tiegħu/tagħha jew kwalunkwe kunflitt ta' interess ieħor. Il-kandidat għandu jinforma lill-AACC, permezz ta' formola speċifika, dwar kunflitt ta' interess attwali jew potenzjali. Jekk ikun meħtieġ, l-AACC għandha tiegħu kull miżura xierqa;
11. L-Aġenzja tapplika regoli stretti ħafna dwar il-kunflitt ta' interess. Minħabba n-natura speċjali u speċifika tax-xogħol li jsir mill-ERA, il-Bord ta' Tmexxija adotta regoli speċifiċi ta' kunflitt ta' interess applikabbli għall-membri tal-persunal. Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok irreferi għad-Deċiżjoni Nru 169 tal-Bord ta' Tmexxija li Tadotta l-Qafas għal Imġiba Amministrattiva Tajba u l-Anness tagħha.

12. Il-lista ta' riżerva għandha tibqa' valida sa 26/02/2021. Din tista' tiġi estiża permezz ta' deċiżjoni tal-AACC;
13. Il-kandidati xierqa għandhom jiġu inkarigati jekk l-AACC tiddeċiedi dan. Qabel ma jiġu offruti kuntratt ta' impjieg, il-kandidati fuq il-listi ta' riżerva jistgħu jintalbu li ssirihom intervista mad-Direttur Eżekuttiv;
14. Qabel ma jiġu offruti kuntratt ta' impjieg, il-kandidati magħżula għandhom jintalbu jissottomettu d-dokumenti kollha rilevanti li jippruvaw l-isfond edukattiv u l-esperjenza professjonali;
15. Il-kandidati qatt ma għandhom jidħlu f'kuntatt mal-kumitat tal-għażla fir-rigward ta' dan ir-reklutaġġ, la b'mod dirett u lanqas indirett,. L-AACC tirriżerva d-dritt li tiskwalifika lil kwalunkwe kandidat li jinjora din l-istruzzjoni.

#### SOMMARJU TAL-KUNDIZZJONIJET TAL-IMPJIEG U TAL-BENEFIĊĊJI

1. Is-salarji huma eżentati mit-taxxa nazzjonali, minflok titnaqqas taxxa għall-benefiċċju tal-Unjoni Ewropea f'ras il-għajn;
2. Intitolament għal liv annwali ta' jumejn għal kull xahar kalendarju flimkien ma' jiem addizzjonali għall-età u għall-grad, flimkien ma' jumejn u nofs għall-persunal espatrijat u minbarra dan medja ta' 16-il vaganza tal-ERA kull sena;
3. Taħriġ tekniku ġenerali u applikabbli flimkien ma' opportunitajiet ta' żvilupp professjonali;
4. Skema tal-Pensjoni tal-UE (wara 10 snin ta' servizz);
5. Reġim Komuni tal-Assigurazzjoni u tal-Mard tal-UE u kopertura tal-assigurazzjoni kontra l-aċċidenti u l-mard ikkaġunat mix-xogħol, il-qgħad u benefiċċju għall-invalidità u assicurazzjoni tal-ivvjaġġar;

**Skont is-sitwazzjoni personali u l-post ta' oriġini tal-individwu, il-membri tal-persunal jistgħu wkoll ikunu intitolati għal:**

6. Benefiċċju tal-espatrijazzjoni jew ta' residenza barranija;
7. Benefiċċju tal-unità domestika;
8. Benefiċċju tal-ulied dipendenti;
9. Benefiċċju tal-edukazzjoni;
10. Benefiċċju tal-installazzjoni u rimborż tal-ispejjeż ta' ġarr;
11. Benefiċċju temporanju għas-sussistenza għal kuljum;
12. Benefiċċji oħrajn (rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar malli tidħol għall-kariga, eċċ.)

Għal aktar informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet rispettivi, jekk jogħġbok ikkonsulta l-**Anness VII għar-Regolamenti tal-Persunal** (minn paġna 96 sa 110):  
<http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CONSLEG:1962R0031:20140101:MT:PDF>

<b>IMPENJI</b>	
<p><b>Impenn biex ikunu promossi opportunitajiet indaqs:</b></p> <p>L-Aġenzija hija impjegatur ta' opportunitajiet indaqs u tkegġegħ ħafna applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà u tal-għażla mingħajr l-ebda distinzjoni, tkun xi tkun, fuq il-bażi ta' nazzjonalità, età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, sess jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet, l-istat ċivili jew sitwazzjoni oħra tal-familja.</p>	<p><b>Proċedura ta' appell:</b></p> <p>Il-kandidati li jipparteċipaw fi proċedura tal-għażla jistgħu jitolbu feedback dwar il-prestazzjoni tagħhom fit-test bil-miktub, fit-testijiet addizzjonali u fl-intervisti. Kandidat li jħoss li l-proċedura għet implimentata b'mod żbaljat u/jew sar żball f'xi stadju tal-proċedura ta' valutazzjoni jista' jitlob li jsir rieżami tal-applikazzjoni tiegħu, u jista' jressaq ilment jew appell. Għal dan il-għan, jista' jissottometti talba għal rieżami, mhux aktar tard minn 20 jum kalendarju minn meta jirċievi l-email li tkun infurmatu bir-rifjut tal-applikazzjoni tiegħu/tagħha. It-talba għar-rieżami jenħteġ li tikkwota r-referenza tal-proċedura tal-għażla kkonċernata u jenħteġ li ssemmi b'mod ċar il-kriterju/kriterji ta' eliġibbiltà mitlub/mitlubin sabiex jiġi/jiġu kkunsidrat(i) mill-ġdid kif ukoll ir-raġunijiet tat-talba għal rieżami.</p> <p>Din it-talba jenħteġ li tiġi indirizzata lill-mailbox dedikat tal-Aġenzija (<a href="mailto:jobs@era.europa.eu">jobs@era.europa.eu</a>).</p> <p>Il-kandidat għandu jiġi infurmat, fi żmien 15-il jum kalendarju wara l-wasla tat-talba tiegħu/tagħha, bid-deċiżjoni tal-Kumitat tal-Għażla dwar il-kwistjoni.</p>
<b>PROĊEDURI TA' APPELL U TA' LMENTI</b>	
<p>Jekk kandidat jaħseb li jkun ġie affettwat b'mod negattiv minn deċiżjoni partikolari, hu jista' jressaq ilment amministrattiv skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjeg ta' aġenti oħra tal-Unjoni Ewropea, fl-indirizz li ġejj:</p> <p>Il-President tal-Bord ta' Tmexxija L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji 120, rue Marc Lefrancq FR - 59300 Valenciennes</p> <p>L-ilment irid jitressaq fi żmien 3 xhur minn meta l-kandidat jiġi nnotifikat bl-att li affettwah/a b'mod negattiv.</p> <p>Jekk l-ilment jiġi rifjutat, il-kandidat jista' jiftaħ kawża skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali u l-Kundizzjonijiet tal-impjeg Applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Komunitajiet Ewropej quddiem: Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea Indirizz Postali</p>	<p>Huwa wkoll possibbli li wieħed jippreżenta lment quddiem l-Ombudsman Ewropew skont l-Artikolu 228(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u skont il-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Marzu 1994 dwar ir-regolamenti u l-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-qadi tad-dmirijiet tal-Ombudsman, ippublikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 113 tal-4 ta' Mejju 1994:</p> <p>L-Ombudsman Ewropew 1, Avenue du Président Robert Schuman – CS 30403 FR – 67001 Strasburgu Cedex <a href="http://www.ombudsman.europa.eu">http://www.ombudsman.europa.eu</a></p> <p>Jekk jogħġbok innota li l-ilmenti mressqa quddiem l-Ombudsman ma għandhom l-ebda effett sospensiv fuq il-perjodu stabbilit fl-Artikoli 90(2) u 91 tar-Regolamenti tal-Persunal għall-Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea għalt-tressiq, rispettivament, ta' lment jew appell quddiem il-Qorti Ġenerali tal-</p>

<p>L-2925 Il-Lussemburgu <a href="http://curia.europa.eu/">http://curia.europa.eu/</a> Jekk jogħġbok innota li l-AACC ma għandhiex is-setgħa li temenda d-deċiżjonijiet ta' Kumitat tal-Għażla. Il-Qorti affermat b'konsistenza li d-diskrezzjoni wiesgħa li jgawdi minnha l-Kumitat tal-Għażla mhijiex soġġetta għal rieżami mill-Qorti sakemm ma jsirx ksur ta' regoli li jirregolaw il-proċeduri tal-Kumitati tal-Għażla.</p>	<p>Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 270 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea</p>
--	--

<i>PROTEZZJONI TAD-DATA</i>	
<p>L-għan tal-ipproċessar tad-data li inti tissottometti huwa li tiġġestixxi l-applikazzjoni tiegħek fid-dawl tal-possibilità ta' għażla minn qabel u inkarigu fl-Aġenzija.</p> <p>L-informazzjoni personali li nitolbu mingħandek se tiġi pproċessata f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE Test b'referenza għaż-ŻEE.</p>	